MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Numru. 428/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**Vs**

**Andrew Galea**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoniji dedotta kontra Andrew Galea ta' 21 sena, bin Paul u Dolores nee Spiteri, imwieled il-Pieta' fit-13 ta' Frar 1987 u joqgħod numru 36 Suor Zita Triq il-Mandolina Birżebbuġa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 99587 (M)

2. Akkużat talli fil-11 ta' Novembru 2008 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer b'diveris atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel

Skeda dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu personali tiegħu.**

3. Il-Qorti ntalbet sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9.

4. Rat l-atti kollha tal-Prosekuzzjoni inkluzi d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni magħmula fl-atti li l-imputat jimmerita li jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 (fol 3), iċ-ċertifikat tat-tweldi tal-imputat li jġib in-numru 995 tal-1987, il-fedina penal ital-imputat (fol 6), l-ordni tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2008, l-istqarrija tal-imputat (fol 8), il-ħatra tal-espert is-sur Mario Mifsud sabiex jagħmel l-analiżi tas-sustanza esibita, id-dokument (il-current incident report) JA a fol 21,  ur-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud.

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

6. Semgħet it-trattazzjoni

Ikkonsidrat

**Xhieda Prosekuzzjoni**

7. Skond il-Prosekutur, wara li sar rapport fl-għassa, huma marru fir-residenza tal-imputat f'Birżebbuġa u fil-preżenza

ta' omm l-imputat huma kien sabu 8 sachets. L-imputat qal li huma tiegħu u kien xtrahom għall-użu tiegħu.

8. Fl-istqarrija tiegħu tal-11 ta' Novembru, 2008 l-imptuat qal li kellu l-vizzju tad-droga u l-aħar li kien ħa kien l-Erbgħa jew il-Ħamis ta' qabel ma saret l-istqarrija. Huwa kien jieħu d-droga kokaina u qatt ma kien attenda għal xi programm. Id-droga kienet inxtrat il-ġimgħa ta' qabel billi ħallas xi 200 Ewro għal tliet grammi. Huwa qal li kellu xi żewġ sachets aktar mid-9 li sabu l-Pulizija. Huwa dejjem ħa d-droga waħdu. Kienet l-ewwel darba likellu din il-kwantita' għax is-soltu kien jixtri b'kemm jiddobba. Huwa nnega li qatt kien offra d-droga lil xi persuna.

9. Xehdu PS 645 Jerry Attard u PS 966 Rac Desira li qalu li kienu marru ma' l Andrew Galea (kif ukoll ma' omm l-imputat) fil-kamra ta' fuq il-bejt fejn mill-ewwel indikalu fejn kienet id-droga (fol 19). Għall-ewwel kenu sabu 7 sachets fi trophy u imbagħad sabu tnejn oħra.

10. Mix-xhieda ta' Mario Mifsud jirriżulta li għand l-imputat instabu 3.31 grammi ta' kokaina bi 32.7% purita'. L-użin kien hekk: 0.04, 0.55, 0.51, 0.42, 0.24, 0.36, 0.51, 0.37, 0.31 u għalhekk kien ivarja bejn 0.04 u 0.55 grammi.

**Xhieda Difiża**

11. Xehed l-imputat u kkonferma l-istqarrija tiegħu. Huwa qal li fiha kien qal il-verita'. Huwa żied jgħid li huwa kien akkwista aktar sustanza mis-soltu għaliex sabha bi prezz tajjeb (fol 40). Kien xtara għal żewġ week ends. Huwa kkonferma li ma kellu ebda intenzjoni li jbiegħha. Huwa qal ukoll li kienu nstabu 8 sachets għax wieħed kien użah. L-imputat spjega wkoll il-għala kien qabad il-vizzju tad-droga. Huwa kein iddeċieda wara li kien waqaf.

12. Xehed missier l-imputat Paul Galea li qal li minn wara l-inċident ibnu ssetilja.

13. Xehed ukoll Joseph Baldacchino, is-sid ma' min qed jaħdem l-imputat, li qal li huwa kuntent ħafna bix-xogħol tal-imputat.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

13. Jirriżulta soddifaċentement ippruvat mix-xhieda okulari (PS 645 Jerry Attar u PS 966 Rac Desira – paragrafu 9) kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat li l-imputat kellu l-kokaina. Dan jirriżulta kkonfermat mill-analiżi forensika li fiha jidhru 9 sachets bl-użin kif indikat aktar 'il fuq u f'ammont ta' 3.31 grammi kokaina.

14. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat li l-imputat kellu pussess tal-kokaina fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni.

15. Dwar il-pussess aggravat il-Qorti jibqgħalha dak il-lurking doubt. Is-suspetti qegħdin hemm minħabba l-mod kif kien maqsum il-piż tas-sachets. Barra dan hemm l-użin intier li wieħed ma jistax jinjora. Għalkemm il-Qorti qed tillibera lill-imputat mir-reat ta' pussess aggravate qed issibu ħati ta' pussess sempliċi (iżda **serju**) liema reat huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni.

16. Dwar dik il-parti tal-imputazzjoni li ssemmi artikolu 18 tal-Kap 9, il-Qorti ma sabitx prova ċara biżżejjed fil-proċess.

**Konklużjoni**

17. Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap 9, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii)u 29 tal-Kap 101 ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta iżda minnflok qed issibu ħati ta' pussess sempliċi (iżda serju) liema reat huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat. Wara li rat li l-imputat għandu fedina penali nadifa, kif ukoll li huwa jibbenefika mill-artikolu 29 u li llum bidel ħajtu, u wara li rat l-ammont involut, il-Qorti qed tkkundanna lill-imputat iħallas multa ta' €1200 liema multa tista' titħallas b'pagamenti ta' ħamsin Ewro kull erba' ġimgħat. Jekk ma jitħallsx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

18. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert maħtur mill-Qorti li jammontaw għal €434.29 fi żmien xahar mil-lum.  Fin-nuqqas ta' ħ;as dawn jinbidlu fi priġunerija skond il-Liġi.

19. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------